MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Numru. 621/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
HORACE STAFRACE

Il-Qorti,

(1) Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Horace Stafrace, ta' 29 sena, iben Anthony u Grace nee' Gerada, imwieled Pieta' fit2 ta' Settembru' 1976, u residenti 8, Triq San David, Zurrieq, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 463776M, u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Marzu, 2006, ikkorrompa lil Jason Buttigieg, ezaminatur tas-sewqan impjegat ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta (ADT).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' espeti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli lill-imputat sabiex jottempera ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza migjuba kontra tieghu, u dan wara li l-Qorti spjegatlu l-importanza tal-ammissjoni tieghu skond il-ligi u taghtu zmien xieraq sabiex jikkunsidra li jirtira l-ammissjoni, u l-imputat baqa' itenn li kien hati.

Il-Qorti rat l-Artikoli 18, 293, 308, 309, 310, 167 u 169, 183 u 184, 186 u 187(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kkunsidrat ghal fini ta' piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta; il-fatt li kkopera mal-Pulizija; il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri; u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, jidhrilha li jkun ta' beneficcju kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali, jekk l-imputat jinghata zmien sabiex jirriforma hajtu u jaqbad t-triq it-tajba. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor sa zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi l-atti, flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------